KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.2.2008
KUMM(2008) 106 finali

2008/0047 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2008) 242}
{SEG(2008) 243}

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

### 1. DAĦLA

Oriġinarjament l-internet kien jintuża bħala għodda ta’ komunikazzjoni l-aktar mill-esperti u r-riċerkaturi, iżda issa dan, flimkien ma’ teknoloġiji oħrajn tal-komunikazzjoni (minn hawn ’il quddiem “*it-teknoloġiji online”)*[1], qed jintuża fid-djar, fl-iskejjel, fin-negozji u fl-amministrazzjonijiet pubbliċi fil-parti l-kbira tad-dinja. Dan kien il-forza li kkaratterizzat l-aħħar tas-seklu 20 u l-bidu tas-seklu 21.

Minn mindu beda l-Pjan ta’ Azzjoni għal Internet Aktar Sikur ("*Safer Internet Action Plan*")[2], kemm it-teknoloġiji kif ukoll l-użi relatati magħhom inbidlu b’mod konsiderevoli. Kien hemm żieda qawwija fl-aċċessibilità tat-teknoloġija, u l-iżvilupp ta’ l-għodda u tas-servizzi wassal għal bosta użi li huma aktar estensivi u diversi minn dak li kien previst meta ġie stabbilit il-Pjan ta’ Azzjoni, u t-tfal u ż-żgħażagħ spiss huma ta' l-ewwel li jagħmlu użu mill-opportunitajiet il-ġodda. It-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet li qed jitfaċċaw joffru opportunitajiet kbar għall-parteċipazzjoni, il-kreattività u l-espressjoni lill-membri kollha tas-soċjetà.

It-tfal huma utenti attivi tat-teknoloġiji *online,* u dan dejjem aktar. Il-possibbiltajiet għall-interattività u l-parteċipazzjoni fl-ambjent ta' fuq l-internet jistgħu jtejbu l-kwalità tal-ħajja għal ħafna żgħażagħ. Iżda dan ifisser ukoll li jista' jkun li jkollhom jagħmlu għażliet li normalment ma jkollhomx għalfejn jagħmluhom, ħafna drabi relatati mas-sikurezza tagħhom stess. Il-ħarsien tat-tfal mill-kontenut u mill-imġiba dannużi fuq l-internet u t-trażżin tat-tixrid tal-kontenut illegali huma ta' tħassib kontinwu għal dawk li jfasslu l-politika u l-liġijiet, għall-industrija u għall-utenti finali, b’mod partikolari l-ġenituri, dawk li jieħdu ħsieb it-tfal u l-edukaturi.

Għalkemm it-tfal u ż-żgħażagħ huma utenti esperti tat-teknoloġiji *online* u huma konxji kemm tar-riskji kif ukoll ta’ kif għandhom jittrattawhom, mhumiex kollha maturi fis-sens li għandhom il-ħila jivvalutaw is-sitwazzjonijiet li jiltaqgħu magħhom u l-konsegwenzi possibbli li jista’ jkollha d-deċiżjoni tagħhom. Fl-istess ħin, huma rari jaqsmu l-esperjenzi tagħhom relatati ma’ meta jkunu fuq l-internet mal-ġenituri tagħhom jew ma' min ikun jieħu ħsiebhom, u jduru lejhom għall-għajnuna biss bħala l-aħħar għażla. Dawn il-fatturi huma sfida għall-persuni responsabbli li jżommu lit-tfal sikuri.

Fost ir-riskji l-aktar serji relatati mat-teknoloġiji *online* għat-tfal huma l-każijiet fejn it-tfal issirilhom ħsara direttament, bħala vittmi ta’ l-abbuż sesswali, li jkun iddokumentat permezz ta’ ritratti, films jew fajls ta' l-awdjo u mbagħad trażmess fuq l-internet (materjal ta’ l-abbuż tat-tfal); meta jiġu kkuntattjati minn persuni li jagħmlu ħbieb magħhom sabiex iwettqu l-abbuż sesswali (it-tħejjija għall-abbuż sesswali (*grooming*)); u meta jkunu vittmi ta' l-ibbulijar (*bullying*) fl-ambjent ta' fuq l-internet (l-ibbulijar elettroniku (*cyberbullying*)).

---

1 Għall-iskopijiet ta’ dan il-Memorandum ta’ Spjegazzjoni, “it-teknoloġiji *online*” tirreferi għat-teknoloġiji li jintużaw għall-aċċess għall-Internet u għat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni. Barra minn hekk, f’xi każijiet, bħal fil-logħob tal-kompjuter, hemm użi kemm “*online*” kif ukoll “*offline*” tal-kontenut u tas-servizzi u t-tnejn jistgħu jkunu rilevanti għas-sikurezza tat-tfal.

2 Id-Deċiżjoni Nru 276/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Jannar 1999: http://ec.europa.eu/information_society/activities/sip/docs/html/decision/276_1999_EC.htm.

L-Unjoni Ewropea kienet minn ta’ quddiem nett fil-ħarsien tat-tfal fuq l-internet sa mill-1996, u l-programmi suċċessivi ta’ Internet Aktar Sikur[3] kienu karatteristika ewlenija ta’ l-attività tal-Kummissjoni f’dan il-qasam. Dawn jikkostitwixxu l-unika inizjattiva pan-Ewropea li tindirizza l-kwistjonijiet relatati mal-ħarsien tat-tfal fl-ambjent ta' fuq l-internet u jinkludu bosta azzjonijiet li taw xhieda ta' l-effettività tagħhom.

Huma kisbu dan li ġej:

- Netwerk Ewropew ta' *hotlines* – punti ta' rrappurtar, fejn il-membri tal-pubbliku jistgħu jirrappurtaw il-kontenut illegali

- Netwerk Ewropew ta' ħolqien ta' kuxjenza u l-“Jum għal Internet aktar Sikur” ("*Safer Internet Day*") ikkoordinat min-netwerk. Ta' kull sena, għadd dejjem jiżdied ta' pajjiżi ħadu sehem fih fl-Ewropa u madwar id-dinja.

- Tagħrif għall-ġenituri permezz ta' analiżi indipendenti ta' l-effettività tal-programmi ta' filtrazzjoni

- Appoġġ għall-inizjattivi awtoregolatorji ta' l-industrija fil-qasam tal-klassifikazzjoni tal-kontenut u tat-telefowns ċellulari

Skond l-evalwazzjoni finali tal-Pjan ta’ Azzoni għal Internet aktar Sikur, l-Unjoni Ewropea issa hija meqjusa bħala “pijunier li identifika fi stadju bikri l-kwistjoni tal-kontenut illegali u dannuż fuq l-internet bħala kwistjoni politika serja u importanti ta’ dimensjoni globali”[4].

Il-Kummissjoni adottat ukoll Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' Internet aktar Sikur Plus matul il-perjodu mill-2005 sa l-2006[5]. Bi tħejjija għal din il-proposta, twettaq proċess ta' valutazzjoni ta' l-impatt bejn April u Lulju ta' l-2007, li kien jinkludi konsultazzjoni pubblika fuq l-internet u konsultazzjoniijet b'miri speċifiċi[6].

Dawn kollha kkonfermaw li l-azzjonijiet li twettqu kienu effettivi, filwaqt illi saħqu fuq il-ħtieġa li dawn jiġu adattati għal bżonnijiet ġodda. Ta’ tħassib kbir għadu, b'mod partikulari, il-ħarsien tat-tfal fl-ambjent ta' fuq l-internet, u l-isfidi huma aggravati aktar bil-ħruġ ta’ teknoloġiji u servizzi ġodda, li jirriżultaw f’użi u riskji ġodda, l-aktar għat-tfal.

Il-programm il-ġdid se jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ l-esperjenzi u ta' l-aħjar prattiki fuq il-livelli kollha dwar kwistjonijiet relatati mas-sikurezza tat-tfal fuq l-internet, u jista’ jtejjeb aktar dan ir-rwol u b’hekk jiżgura valur miżjud Ewropew. Il-proposta tqis għal kollox dawn l-ideat.

Il-programm il-ġdid *mhux* se jkabbar l-ambitu tiegħu għal oqsma ġodda, bħal kwistjonijiet ta' saħħa, sigurtà tan-netwerk u l-protezzjoni tad-dejta, minħabba li dawn diġà huma koperti minn inizjattivi oħrajn ta' politika u ffinanzjar ta’ l-UE. Madanakollu, ħafna minn dawn l-

---

3 Il-Pjan ta' Azzjoni għal Internet Aktar Sikur ta' l-1999 sa l-2004 u ta’ Internet Aktar Sikur *Plus* ta' l-2004 sa l-2008

4 COM(2006) 663 u r-Rapport Finali ta’ l-Evalwazzjoni tal-Pjan ta’ Azzjoni "*Safer Internet*" (2003-2004), IDATE, Mejju 2006, p. 4: http://ec.europa.eu/information_society/activities/sip/docs/prog_evaluation/final_evaluation_report_en_siap_06112006.pdf.

5 COM(2006) 661.

6 http://ec.europa.eu/saferinternet.

ideat huma inklużi bħala parti mill-messaġġ ta' ħolqien ta' kuxjenza u billi jsiru r-riferenzi xierqa għall-istrumenti eżistenti.

Fuq kollox, il-programm huwa mfassal b'mod li jistgħu jitqiesu żviluppi futuri fl-ambjent ta' fuq l-internet li mhumiex magħrufin attwalment u t-theddid li jirriżulta minnhom, li se jkunu dejjem aktar importanti fis-snin li ġejjin. Matul il-perjodu 2009-2013 se jkun essenzjali li jkunu jistgħu jitfasslu azzjonijiet xierqa għall-ħarsien tat-tfal fuq l-internet.

## 2. IL-PROMOZZJONI TA' UŻU AKTAR SIKUR TA' L-INTERNET U TAT-TEKNOLOĠIJI L-OĦRAJN TAL-KOMUNIKAZZJONI

### 2.1. Il-kuntest leġiżlattiv

Il-kwistjonijiet relatati mal-ħarsien tat-tfal fuq l-internet huma globali u kumplessi: kulħadd jista' jiġġenera l-kontenut biex jarah kulħadd u wieħed jista' jkollu aċċess għall-kontenut mid-dinja kollha; il-produzzjoni tal-materjal ta' l-abbuż tat-tfal tista' sseħħ f'pajjiż wieħed, it-tixrid jista' jkun ospitat f'pajjiż ieħor, u l-materjal jista' jitniżżel minn mad-dinja kollha; u dawk li jabbużaw huma magħrufa li jaqsmu l-fruntieri tal-pajjiżi biex jiltaqgħu mat-tfal biex jabbużawhom wara li jkunu ltaqgħu magħhom fuq l-internet.

Mill-perspettiva legali, għandha ssir distinzjoni essenzjali bejn dak li huwa **illegali** min-naħa l-waħda u dak li huwa **dannuż** min-naħa l-oħra, ladarba dawn jeħtieġu metodi, strateġiji u għodda differenti.

Dak li jitqies **illegali** jvarja minn pajjiż għall-ieħor, huwa ddefinit mil-liġi nazzjonali applikabbli u jieħdu ħsiebu l-korpijiet ta' infurzar tal-liġi u korpijiet oħrajn tal-gvern. Minkejja bosta karatteristiċi komuni, hemm differenzi sinifikanti ta' dettall bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri u dawk ta' pajjiżi terzi fejn jista' jkun prodott jew ospitat il-kontenut.

**Il-kontenut dannuż** huwa kontenut li l-ġenituri, l-għalliema u adulti oħrajn iqisu li jagħmel ħsara lit-tfal. Id-definizzjonijiet ta' dan il-kontenut ivarjaw minn pajjiż għall-ieħor u minn kultura għall-oħra, u jistgħu jvarjaw minn pornografija u vjolenza għal razziżmu, ksenofobija, diskors u mużika ta' mibegħda, mutilazzjoni personali, anoressja u siti tas-suwiċidju. L-esponiment għall-kontenut dannuż tista' tikkawża trawma psikoloġika fit-tfal u twassal għal dannu fiżiku jekk xi tifel ikun immotivat li jagħmel ħsara lil tfal oħrajn jew lilu nnifsu. L-Istati Membri għandhom livelli ta' sensittività differenti (l-esponiment tan-nudiżmu, ta' l-attività sesswali, tal-vjolenza, eċċ) u jvarjaw f'kemm jitqies gravi l-esponiment tat-tfal għall-kontenut potenzjalment dannuż. F'xi pajjiżi jeżistu dispożizzjonijiet legali li jirrestringu t-tixrid ta' kontenut dannuż għall-adulti biss, iżda hemm ukoll differenzi notevoli fid-dettall bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri u dawk ta' pajjiżi terzi.

Jeżistu għadd ta' mezzi **biex wieħed jieħu ħsieb il-kontenut dannuż**, li kollha jeħtieġu li jintużaw flimkien sabiex tiżdied l-effettività tagħhom: l-infurzar tad-dispożizzjonijiet legali, l-awtoregolamentazzjoni, l-għodda tal-kontroll mill-ġenituri, il-ħolqien ta' kuxjenza u l-edukazzjoni, biex insemmu biss xi ftit minnhom.

Fiż-żewġ oqsma, ir-responsabbiltà primarja ta' dawk li jipprovdu l-kontenut u s-servizzi għadha fil-parti l-kbira kwistjoni tal-liġi nazzjonali. Madanakollu, xi standards li japplikaw fl-Ewropa kollha ġew stabbiliti, li ċċaraw, permezz ta' bosta rakkomandazzjonijiet u direttivi, kwistjonijiet legali. L-aktar rilevanti għall-programm propost huma:

Ir-*Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem fis-servizzi awdjoviżivi u ta' l-informazzjoni*[7] (1998), li tagħmel rakkomandazzjonijiet u tagħti linji ta' gwida dwar il-protezzjoni tal-minuri. Din kienet segwita mir-*Rakkomandazzjoni dwar il-protezzjoni tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt ta' tweġiba*[8] fl-2006, **li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi reċenti, u l-panorama tal-midja li qed tinbidel**.

Id-*Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva*, adottata f'Diċembru 2007. Din id-Direttiva timmodernizza d-Direttiva dwar it-"Televiżjoni mingħajr Fruntieri", u tmur lil hinn mix-xandir televiżiv, sabiex tkopri "s-servizzi awdjoviżivi tal-midja" kollha, u tinkludi regoli għall-ħarsien tal-minuri.

Il-*Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-kriminalità elettronika*[9] (2001) tirreferi għal "offiżi relatati mal-pornografija tat-tfal". Timmira li tiffaċilita l-kooperazzjoni internazzjonali fis-sejba, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-kriminalità elettronika u titlob għal bażi komuni għal-liġi sostantiva u proċedurali u għall-ġurisdizzjoni. Kienet segwita mill-*Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-protezzjoni tat-tfal mill-isfruttament sesswali u mill-abbuż sesswali* (Lulju 2007), li tistabbilixxi l-forom ta' l-abbuż sesswali tat-tfal bħala offiżi kriminali: l-abbuż sesswali, il-prostituzzjoni tat-tfal, il-materjal ta' l-abbuż tat-tfal, it-tħejjija tat-tfal għall-abbuż sesswali u t-"turiżmu għas-sess"[10].

*Id-Deċiżjoni kwadru dwar il-pornografija tat-tfal*[11] (2004) ta' l-UE tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-Istati Membri fid-definizzjoni ta' l-atti kriminali u s-sanzjonijiet xierqa dwar il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, id-disseminazzjoni, it-trażmissjoni, it-tqegħid għad-dispożizzjoni kif ukoll il-kisba u l-pussess ta' materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal.

Il-*Komunikazzjoni* mill-Kummissjoni *Lejn politika ġenerali fil-ġlieda kontra l-kriminalità elettronika*[12] (2007) hija mmirata biex issaħħaħ il-kooperazzjoni operattiva fl-infurzar tal-liġi fil-qasam tal-materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet, u biex tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali.

Il-*Komunikazzjoni* mill-Kummissjoni *Lejn Strateġija ta' l-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal*[13] (2006) tindirizza l-politiki interni u esterni dwar id-drittijiet tat-tfal b'mod koerenti, u għal kollox konsistenti mal-pjanijiet ta' azzjoni u l-programmi Komunitarji diġà eżistenti. Il-***"Linji Gwida għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal"***[14] **(2007) ta' l-UE** jservu bħala qafas għall-ħarsien tad-drittijiet u ta' l-integrità tat-tfal f'pajjiżi terzi.

---

7 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill Nru 98/560/KE ta' l-24 ta' Settembru 1998: http://europa.eu/scadplus/leg/en/lvb/l24030b.htm.

8 Ir-Rakkomandazzjoni **Nru 2006/952/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill **ta' l-20 ta' Diċembru 2006 (ĠU L 378, 27.12.2006).**

9 http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/185.htm.

10 Adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-12 ta' Lulju 2007 fit-tieni laqgħa tad-Deputati tal-Ministri. Il-Konvenzjoni nfetħet għall-firem fil-Konferenza tal-Ministri Ewropej tal-Ġustizzja fil-25 u s-26 ta' Ottubru 2007.

11 Id-Deċiżjoni kwadru tal-Kunsill ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal (2004/68/JHA).

12 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni Ewropew, COM(2007) 267, 22.5.2007.

13 COM(2006) 367, 4.7.2006.

14 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill 16457/07, 12 ta' Diċembru 2007.

## 2.2. Ir-rabtiet ma' inizjattivi oħrajn Komunitarji

L-implimentazzjoni tal-**programm** propost se tqis l-azzjonijiet mibdija fl-ambitu ta' programmi u inizjattivi oħrajn, u se tibni fuqhom u tikkumplimentahom sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jitkabbar l-impatt. Dawn jinkludu:

– Il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità

– Il-Programm Daphne III

– Il-Litteriżmu tal-Midja

– Is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (mill-2007 sa l-2013).

## 2.3. L-iżviluppi fil-ġejjieni

Kien diffiċli li wieħed ibassar l-iżviluppi li saru f'dawn l-aħħar snin, u huwa daqstantieħor diffiċli li jitbassru l-iżviluppi li se jseħħu fil-ġejjieni. Madanakollu, joħorġu xi xejriet ewlenin:

### *2.3.1. Ix-xenarju teknoloġiku li qed jevolvi*

It-teknoloġiji, in-netwerks tal-komunikazzjoni, il-midja, il-kontenut, is-servizzi u t-tagħmir sa jgħaddu dejjem aktar minn **konverġenza diġitali**. It-tagħmir u l-applikazzjonijiet diġà qed "jitkellmu ma' xulxin", il-kontenut qed isir disponibbli f'formati ġodda u varjati u qed ikun jista' jintbagħat dejjem aktar b'mod indipendenti mill-post jew mill-ħin, u jkun ippersonalizzat skond il-preferenzi jew il-bżonnijiet taċ-ċittadini individwali. It-titjib fin-netwerks, u fi *broadband* aktar mgħaġġel, flimkien ma' tekniċi ġodda tal-kompressjoni, qed joħolqu rotot tad-distribuzzjoni ġodda u aktar mgħaġġlin u qed jirriżultaw f'formati ġodda ta' kontenut u f'servizzi ġodda, kif ukoll f'forom ġodda ta' komunikazzjoni.

It-teknoloġiji l-ġodda li qed jitfaċċaw jinkludu saħħa ta' l-ipproċessar u kapaċità tal-ħażna tal-kompjuters dejjem ikbar, in-netwerks tal-*broadband* jippermettu t-tixrid ta' kontenut li jitlob medda ta' frekwenzi għolja, bħat-trażmissjoni tal-vidjow, u l-kapaċità akbar ta' l-aħħar tip ta' telefowns ċellulari imsejħin "3G" tippermetti t-tixrid ta' kontenut tal-vidjow u l-aċċess għall-Internet, l-istess bħalma jagħmlu xi konsowls tal-logħob.

It-tfal spiss huma ta' l-ewwel li jibdew jużaw it-teknoloġiji l-ġodda. It-tibdil fl-ambjent ta' fuq l-internet se jfisser ukoll użi ġodda tat-teknoloġiji, u minħabba f'hekk se jinbidlu wkoll ir-riskji għat-tfal u ż-żgħażagħ. L-isfida hija li wieħed jifhem dan it-tibdil maż-żmien, u jiżviluppa strateġiji għal kontra r-riskji l-ġodda hekk kif dawn jitfaċċaw.

Fl-istess ħin, **ir-riskji fl-ambjent ta' fuq l-internet u f'dak *offline* qed jikkonverġu**, u għalkemm il-parti l-kbira tat-tfal u ż-żgħażagħ huma konxji mir-riskji potenzjali u mill-prekawzjonijiet, mhux neċessarjament jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa jew jaġixxu bil-mod l-aktar sikur meta jikkomunikaw fl-ambjent ta' fuq l-internet. Per eżempju, id-dannu possibbli għat-tfal li jkunu qed jilagħbu l-logħob (per eżempju f'dak li għandu x'jaqsam ma' logħob ta' natura vjolenti jew sesswali) ikun l-istess kemm jekk dawn ikunu qed jintlagħbu fuq l-internet kif ukoll jekk ikunu qed jintlagħbu fuq konsowls tal-logħob id-dar.

### 2.3.2. *Żieda fl-ammont u fil-gravità tal-kontenut illegali*

L-ammont ta' materjal illegali ċċirkolat *online* qed jiżdied u l-karatteristiċi tal-materjal illegali fuq l-internet qed isiru aktar gravi. Fir-Renju Unit, matul il-perjodu mill-1997 sa l-2005, l-għadd ta' siti b'materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal żdied b'1 500 fil-mija[15] u kien hemm żieda ta' erba' darbiet fil-materjal li juri l-abbuż l-aktar gravi[16]. **Il-materjal prodott domestikament qed jissostitwixxi wkoll il-materjal għall-użu kummerċjali.** Barra minn hekk, it-tfal li qed jiġu **abbużati għall-produzzjoni ta' dan il-materjal qed ikunu dejjem iżgħar, u l-għadd ta' tfal ġodda li jidhru f'dan il-materjal qed jiżdied.**

Għat-tfal abbużati u murija fil-materjal il-konsegwenzi huma gravi. Id-*Database* ta' l-Istampi ta' l-Abbuż Sesswali tat-Tfal ta' l-Interpol fih 550 000 stampa ta' 20 000 tifel jew tifla individwali. Minn dawn, madwar 500 biss ġew identifikati u salvati minn meta ġiet stabbilita d-*database* fl-2001 'l hawn[17].

### 2.3.3. *Id-"differenza bejn il-ġenerazzjonijiet" li għad fadal*

It-tfal u ż-żgħażagħ huma minn ta' quddiem nett fl-aċċettazzjoni u l-użu ta' żviluppi u opportunitajiet teknoloġiċi ġodda. Spiss huma utenti esperti – jistgħu jkunu ħafna aktar avvanzati mill-ġenituri u mill-għalliema tagħhom stess – u ma jitolbuhomx pariri u ma jdurux lejhom għall-għajnuna ħlief fil-każijiet l-aktar gravi[18]. Għalhekk **id-differenza qed tikber** bejn l-użu tat-teknoloġiji *online* mit-tfal u miż-żgħażagħ u l-perċezzjoni tagħhom tar-riskji, min-naħa l-waħda, u l-fehim ta' l-adulti dwar l-użu tagħhom, min-naħa l-oħra. Dan huwa ta' sfida għal min ifassal il-liġijiet, għall-awtoritajiet u għall-industrija huma u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' ambjent ta' fuq l-internet sikur għat-tfal, kif ukoll huma u joħolqu kuxjenza, huma u jagħtu s-setgħa lit-tfal u liż-żgħażagħ biex jużaw it-teknoloġiji b'mod sikur, u lill-ġenituri, lill-għalliema u lil min ikun qed jieħu ħsiebhom biex ikunu jistgħu jagħtu gwida xierqa ibbażata fuq l-esperjenza tagħhom stess.

## 2.4. Il-konklużjoni

Hemm ħtieġa kontinwa għal azzjonijiet li jittrattaw il-kontenut illegali fuq l-internet, li jippromwovu ambjent ta' fuq l-internet aktar sikur u li jiżguraw li n-nies ikunu konxji mir-riskji u mill-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu fl-ambjent ta' fuq l-internet – li kollha kemm huma huma parti mill-programm ta' Internet aktar Sikur *Plus* li diġà jeżisti. Hemm ukoll il-bżonn li l-ambitu tal-programm jitwessa' a) sabiex jiffoka b'mod partikolari fuq il-ħarsien tat-tfal vulnerabbli fl-ambjent ta' fuq l-internet, b'mod partikolari kontra "t-tħejjija għall-abbuż sesswali" (is-sitwazzjoni fejn persuna tagħmel ħbieb ma' tifel jew tifla bi skopijiet ta' abbuż fil-ġejjieni) u kontra l-ibbulijar elettroniku, u b) sabiex jipprovdi lil kull min hu kkonċernat b'għarfien akbar tal-modi kif it-tfal jużaw it-teknoloġiji l-ġodda.

---

15 Komunikazzjoni dwar il-kriminalità elettronika, p. 9.
16 http://www.iwf.org.uk/media/news.196.htm.
17 http://www.interpol.int/Public/News/2007/ChildConf20070606.asp.
18 Studju ta' l-Ewrobarometru ta' l-2007: http://ec.europa.eu/information_society/activities/sip/docs/eurobarometer/qualitative_study_2007/summary_report_en.pdf.

## 3. Il-programm il-ġdid

### 3.1. L-għanijiet u l-istrateġija

L-għan tal-programm se jkun li jippromwovi użu aktar sikur ta’ l-Internet u tat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni, b’mod partikolari għat-tfal, u li jiġu miġġieldin il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet.

Meta mqabbel mal-programm ta' Internet aktar Sikur *Plus*, l-ambitu tal-programm ma jinkludix iktar azzjoni kontra l-posta elettronika mhix mitluba (l-i*spam*), li tqajjem kwistjonijiet għall-utenti jkollhom kemm ikollhom żmien u li hija ttrattata f'azzjonijiet oħrajn tal-Kummissjoni.

Biex jinkiseb dan il-għan, il-programm se jiffoka fuq għajnuna prattika għall-utent finali, b’mod partikolari għat-tfal, il-ġenituri, min ikun qed jieħu ħsiebhom u l-edukaturi.

Il-programm se jfittex li jinvolvi u jiġbor flimkien il-partijiet interessati differenti, li l-kooperazzjoni tagħhom hija essenzjali, iżda li mhux neċessarjament dejjem jersqu flimkien kemm-il darba ma jkunx hemm l-istrutturi xierqa.

Dan jinkludi dawk li jipprovdu l-kontenut; Dawk li jipprovdu s-servizzi ta’ l-internet; l-operaturi tan-netwerks ċellulari; ir-regolaturi; il-korpijiet ta’ l-istandards; il-korpijiet ta’ l-awtoregolamentazzjoni ta’ l-industrija; l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali responsabbli għall-industrija, għall-edukazzjoni, għall-ħarsien tal-konsumatur, għall-familji, għall-infurzar tal-liġi, għad-drittijiet tat-tfal u għall-benesseri tat-tfal; u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi attivi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-konsumatur, il-familji, id-drittijiet tat-tfal u l-benesseri tat-tfal.

Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta’ l-Unjoni Ewropea, b’mod partikolari l-Artikoli 7, 8 u 24. Hija mmirata b’mod speċifiku biex tħares l-integrità fiżika u mentali tat-tfal u ż-żgħażagħ bi qbil ma’ l-Artikolu 3 tal-Karta.

### 3.2. L-Azzjonijiet

Il-programm se jkollu erba’ azzjonijiet: it-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża fuq l-internet; il-promozzjoni ta’ ambjent aktar sikur fuq l-internet; l-iżgurar tal-kuxjenza pubblika; u l-ħolqien ta' bażi ta’ l-għarfien.

#### *3.2.1. L-Azzjoni Nru 1: It-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża fuq l-internet*

Din l-azzjoni kienet diġà l-ewwel azzjoni tal-programm ta' Internet aktar Sikur *Plus*. L-ambitu tagħha qed jitwessa' sabiex jinkludi t-tħejjija għall-abbuż sesswali u l-ibbulijar elettroniku.

L-attivitajiet huma mmirati lejn it-tnaqqis ta’ l-ammont ta’ kontenut illegali ċċirkolat fuq l-internet u lejn it-trattar b’mod xieraq ta' l-imġiba dannuża fuq l-internet, b’mod partikolari fuq it-tixrid tal-materjal ta’ l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet, it-tħejjija għall-abbuż sesswali u l-ibbulijar. Huwa propost li jingħataw fondi għal punti tal-kuntatt li jiffaċilitaw ir-rappurtar tal-kontenut illegali u ta' l-imġiba dannuża fuq l-internet. Dawn il-punti ta’ kuntatt għandhom jikkooperaw mill-qrib ma’ azzjonijiet oħrajn fuq il-livell nazzjonali, bħall-awtoregolamentazzjoni jew il-ħolqien ta' kuxjenza u għandhom jikkooperaw fuq il-livell

Ewropew sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet transkonfinali u sabiex ikun hemm skambju ta' l-aħjar prattika.

Attivitajiet oħrajn se jkollhom l-għan li jistimulaw l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jiġi ttrattat il-kontenut illegali u l-kontenut dannuż fuq l-internet, u li jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-aħjar prattika bejn għadd kbir ta' partijiet interessati fuq il-livell Ewropew u dak internazzjonali.

Jistgħu jkunu meħtieġa mekkaniżmi differenti u għarfien espert differenti sabiex tiġi ttrattata l-imġiba dannuża fuq l-internet bħall-ibbulijar u t-tħejjija għall-abbuż sesswali. Il-programm se jimmira li jittratta l-kwistjonijiet psikoloġiċi, soċjoloġiċi u tekniċi relatati ma' dawn il-kwistjonijiet, u se jimmira li jistimula l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati. L-azzjonijiet relatati ma' dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu integrati wkoll ma' azzjonijiet oħrajn.

*3.2.2. L-Azzjoni Nru 2: Il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet*

Din l-azzjoni tgħaqqad żewġ azzjonijiet tal-programm ta' Internet aktar Sikur *Plus*, waħda mmirata lejn l-għoti ta' għodda lill-ġenituri (l-għoti tas-setgħa lill-utent) u l-oħra mmirata lejn l-inkoraġġiment ta' l-awtoregolazzjoni.

L-attivitajiet se jimmiraw li jiġbru flimkien lill-partijiet interessati sabiex jinstabu modi biex jippromwovu ambjent aktar sikur fuq l-internet u biex jipproteġu lit-tfal mill-kontenut u mill-imġiba li jistgħu jagħmlulhom il-ħsara. Se tinkludi t-tqanqil tal-partijiet interessati biex jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltà, u l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-esperjenza u ta' l-aħjar prattika bejn il-partijiet interessati fuq il-livell Ewropew u dak internazzjonali; se tħeġġeġ l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' awtoregolamentazzjoni u se jkollha l-għan li tgħammar lill-utenti bi strumenti u applikazzjonijiet li jagħtuhom l-appoġġ xieraq huma u jittrattaw il-kontenut dannuż.

Element ġdid huwa l-fatt li se jkun hemm iffukar b'mod speċifiku fuq it-tqanqil ta' l-involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ, bil-għan li jinftiehmu aħjar il-perspettivi tagħhom dwar l-użu tat-teknoloġiji *online* u l-esperjenzi tagħhom ta' dawn it-teknoloġiji u sabiex il-kontribuzzjonijiet tagħhom ikunu ta' benefiċċju meta jiġu mfasslin azzjonijiet, għodda, materjali u politika dwar il-kuxjenza.

*3.2.3. L-Azzjoni Nru 3: L-iżgurar tal-kuxjenza pubblika*

L-attivitajiet se jkunu mmirati lejn it-tkabbir tal-kuxjenza tal-pubbliku, b'mod partikolari tat-tfal, tal-ġenituri, ta' dawk li jieħdu ħsiebhom, u ta' l-edukaturi, dwar l-opportunitajiet u r-riskji marbutin ma' l-użu tat-teknoloġiji *online* u l-mezzi biex wieħed jibqa' sikur fuq l-internet.

Se jittieħdu azzjonijiet sabiex tinħoloq kuxjenza pubblika billi jingħata t-tagħrif xieraq dwar il-possibbiltajiet, ir-riskji u l-modi kif dawn jiġu ttrattati b'mod ikkoordinat fl-Ewropa kollha u billi jiġu pprovduti punti ta' kuntatt fejn il-ġenituri u t-tfal jistgħu jirċievu t-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar kif jistgħu jibqgħu sikuri fuq l-internet. L-attivitajiet se jħeġġu mezzi effettivi f'termini ta' nfiq li permezz tagħhom jixxerred it-tagħrif ta' kuxjenza lil għadd kbir ta' utenti.

Din l-azzjoni kienet diġà element ewlieni tal-programm ta' Internet aktar Sikur *Plus*. Abbażi tal-lezzjonijiet miksuba, se jsiru sforzi addizzjonali sabiex it-twassil tal-messaġġ ta' kuxjenza lit-tfal permezz ta' l-iskejjel jiġi nkuraġġut.

Se tingħata attenzjoni speċifika lill-iżvilupp u/jew l-identifikazzjoni ta' strumenti, metodi u għodda effettivi li joħolqu l-kuxjenza, li jistgħu jiġu replikati fin-netwerk kollu b'mod li huwa effiċjenti f'termini ta' l-infiq. L-azzjonijiet se jimmiraw ukoll lejn l-iżgurar ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika u tal-kooperazzjoni transkonfinali fuq il-livell Ewropew.

### *3.2.4. L-Azzjoni Nru 4: Il-ħolqien ta' bażi ta' l-għarfien*

Din l-azzjoni hija waħda ġdida, għalkemm xi attivitajiet li twettqu fl-ambitu tal-programm ta' Internet aktar Sikur *Plus* (l-istħarriġ ta' l-Ewrobarometru u n-netwerk tematiku tat-tfal fuq l-internet ta' l-UE) diġà taw kontribut lejn il-bażi ta' l-għarfien.

It-tibdil fl-ambjent ta' fuq l-internet iseħħ malajr u x-xejriet il-ġodda fl-użu tat-teknoloġiji malajr jitfaċċaw. Hemm bżonn li tinħoloq u tinbena bażi ta' għarfien sabiex jiġu indirizzati b'mod xieraq l-użi, ir-riskji u l-konsegwenzi eżistenti kif ukoll dawk li qed jiżviluppaw, u sabiex jindikaw l-aspetti kemm kwantitattivi kif ukoll kwalitattivi f'dan il-kuntest. L-għarfien miksub se jgħin fl-implimentazzjoni tal-programm kif ukoll fit-tfassil ta' azzjonijiet xierqa biex tiġi żgurata s-sikurezza ta' l-utenti kollha fuq l-internet.

L-azzjonijiet se jkollhom l-għan li jikkoordinaw l-attivitajiet ta' l-investigazzjoni fl-oqsma rilevanti ġewwa u barra l-UE u li jiġi żviluppat għarfien dwar il-modi ta' kif it-tfal jużaw it-teknoloġiji *online* (li qed jevolvu), ir-riskji assoċjati u l-effetti possibbli ta' ħsara li jista' jkollu fuqhom l-użu tat-teknoloġiji *online*, inklużi kwistjonijiet tekniċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi. L-istudji li jsiru fl-ambitu ta' din l-azzjoni jistgħu wkoll jikkonċernaw il-metodi u l-għodda tal-ħolqien ta' kuxjenza, l-evalwazzjoni ta' l-iskemi koregolatorji u awtoregolatorji, is-soluzzjonijiet differenti tekniċi u mhumiex, kif ukoll oqsma oħrajn rilevanti li qed jitfaċċaw.

L-azzjonijiet imsemmijin hawn fuq mhux se jinkludu attiviotajiet ta' riċerka, li jistgħu jitwettqu fl-ambitu tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (mill-2007 sa l-2013). Dan ta' l-aħħar jipprovdi qasam dwar il-bidliet fl-istil tal-ħajja u fil-konsum marbutin maż-żgħażagħ; dan jippermetti li titwettaq riċerka fil-qasam tas-sikurezza tat-tfal fuq l-internet[19].

### *3.2.5. Il-kooperazzjoni internazzjonali*

Se titħeġġeġ il-kooperazzjoni internazzjonali bħala parti integrali ta' kull waħda mill-azzjonijiet, skond il-prijoritajiet li għandhom jiġu stabbiliti.

## 4. IL-BAŻI LEGALI

Il-bażi legali se tkun l-Artikolu 153 tat-Trattat tal-KE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, li kien il-bażi legali miftiehem mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għall-Pjan ta' Azzjoni oriġinali għal Internet aktar Sikur fl-1999[20], għall-estensjoni ta' sentejn tal-Pjan ta' Azzjoni fl-2003[21], u għall-programm ta' Internet aktar Sikur *Plus*[22].

---

19 L-attività nru 3 ("Xejriet ewlenin fis-soċjetà u l-implikazzjonijiet tagħhom") tat-tema nru 8 ("Ix-Xjenzi Soċjo-ekonomiċi u l-Istudji Umanistiċi")

20 Id-Deċiżjoni Nru 276/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999 (ĠU L 33, 6.2.1999, p. 1).

21 Id-Deċiżjoni Nru 1151/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 (ĠU L 162, 1.7.2003, p. 1).

[22] Id-Deċiżjoni Nru 854/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi Programm Komunitarju pluriennali dwar il-promozzjoni ta' użu aktar sigur ta' l-internet u ta' teknoloġiji online ġodda (ĠU L 149, 11.6.2005, p. 1).

2008/0047 (COD)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 153 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni[23],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[24],

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat[25],

Billi:

(1) Il-penetrazzjoni ta' l-internet u l-użu tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni bħat-telefowns ċellulari għadhom qed jikbru b'mod konsiderevoli fil-Komunità u joffru opportunitajiet kbar, bħall-parteċipazzjoni, l-interattività u l-kreattività, liċ-ċittadini kollha ndaqs. Ir-riskji għat-tfal u l-abbuż tat-teknoloġiji jkomplu jeżistu u qed ikomplu jitfaċċaw riskji u abbużi ġodda minħabba t-teknoloġiji u l-imġiba fis-soċjetà li qed jinbidlu. Sabiex jitħeġġeġ l-isfruttament ta' l-opportunitajiet u jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji pożittivi offruti mill-Internet u mit-teknoloġiji *online* l-oħrajn, huma wkoll meħtieġa miżuri li jippromwovu l-użu aktar sikur tagħhom.

(2) L-istrateġija "i2010 — Soċjetà ta' l-Informatika Ewropea għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi"[26], li żviluppat l-istrateġija ta' Liżbona, tfittex li toħloq koerenza fil-politiki kollha tal-Kummissjoni dwar is-soċjetà ta' l-informatika u l-midja sabiex issaħħaħ il-kontribut ewlieni tat-teknoloġiji ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni lejn il-ħidma ta' l-ekonomiji ta' l-Istati Membri. Wieħed mill-għanijiet tagħha huwa l-ħolqien ta' **Spazju waħdieni Ewropew għall-informazzjoni li joffri komunikazzjonijiet ta' medda ta' frekwenzi għolja sikuri u bi prezz raġonevoli, kontenut għani u varjat u servizzi diġitali.**

23 ĠU C , , p. .
24 ĠU C , , p. .
25 ĠU C , , p. .
26 COM(2005) 229.

(3) Il-qafas leġiżlattiv Komunitarju li jindirizza l-isfidi tal-kontenut diġitali fis-Soċjetà ta' l-informatika jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-minuri[27], dwar il-ħarsien tal-privatezza[28] u dwar ir-responsabbiltà ta' dawk li jipprovdu s-servizzi intermedjarji[29]. Id-Deċiżjoni kwadru tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal[30] tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-Istati Membri fid-definizzjoni ta' l-atti kriminali u s-sanzjonijiet xierqa. Filwaqt li bniet fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/560/KE ta' l-24 ta' Settembru 1998 dwar l-iżvilupp tal-kompetittività ta' l-industrija Ewropea tas-servizzi awdjoviżivi u ta' l-informazzjoni billi tippromwovi l-oqfsa nazzjonali mmirati li jiksbu livell komparabbli u effettiv tal-protezzjoni tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem[31], ir-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt ta' tweġiba fir-rigward tal-kompetittività ta' l-industrija awdjoviżiva u dik tas-servizzi ta' l-informatika fuq l-internet ta' l-Ewropa[32], tistabbilixxi linji ta' gwida għall-iżvilupp ta' l-awtoregolamentazzjoni nazzjonali, testendi l-ambitu biex jinkludi l-litteriżmu fil-midja, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-esperjenzi u tal-prattika tajba bejn il-korpijiet awtoregolatorji, koregolatorji u regolatorji, u l-azzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni fil-midja kollha.

(4) Se jkun hemm bżonn kontinwu għal azzjoni kemm fil-qasam tal-kontenut potenzjalment dannuż għat-tfal kif ukoll fil-qasam tal-kontenut illegali, b'mod partikolari l-materjal ta' l-abbuż tat-tfal. L-istess jgħodd għat-tfal li jisfaw vittmi ta' mġiba dannuża u illegali li twassal għal dannu fiżiku u psikoloġiku u li twassal biex it-tfal jitħajru jimitaw din it-tip ta' mġiba u jagħmlu ħsara lilhom infushom u lill-oħrajn.

(5) Hemm ix-xewqa li jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar regoli li jorbtu legalment, iżda dan mhuwiex se jintlaħaq malajr. Anke jekk jintlaħaq dan it-tip ta' ftehim, minnu nnifsu dan ma jkunx biżżejjed biex jiżgura l-implimentazzjoni tar-regoli jew jiżgura l-protezzjoni ta' dawk li jinsabu fir-riskju.

(6) Id-Deċiżjoni Nru 276/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Jannar 1999 li adottat Pjan ta' Azzjoni Komunitarju multijannwali dwar il-promozzjoni ta' l-użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji *online* il-ġodda billi jiġi miġġieled il-kontenut illegali u dannuż primarjament fil-qasam tal-protezzjoni tat-tfal u tal-minuri[33] (il-Pjan ta' Azzjoni għal Internet aktar Sikur 1998-2004)[34] [*titlu mhux uffiċjali*] u d-

[27] COM(2007) 170. Proposta emendata għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni.

[28] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

[29] Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).

[30] ĠU L 13, 20.1.2004, p. 44

[31] ĠU L 270 , 7.10.1998 p. 48.

[32] ĠU L 378, 27.12.2006, p. 72.

[33] COM(2001) 690; COM(2003) 653; COM(2006) 663.

[34] ĠU L 33, 6.2.1999, p. 1. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 1151/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003

Deċiżjoni Nru 854/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 li tistabbilixxi Programm Komunitarju pluriennali dwar il-promozzjoni ta' użu aktar sigur ta' l-internet u ta' teknoloġiji *online* ġodda[35] (il-Programm ta' Internet aktar Sikur *Plus* 2005 sa l-2008) ipprovdew il-fondi Komunitarju li rnexxielhom iħeġġu għadd ta' inizjattivi u li ta valur miżjud Ewropew, kif muri mill-evalwazzjonijiet tal-programm imressqin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat tar-Reġjuni[36].

(7) Minbarra s-sejbiet ta' l-evalwazzjonijiet tal-programmi ta' qabel, serje ta' stħarriġ ta' l-Ewrobarometru u konsultazzjoni pubblika identifikaw b'mod ċar il-bżonn li jinżammu l-attivitajiet għar-rappurtar tal-kontenut illegali u għall-ħolqien tal-kuxjenza fl-Istati Membri.

(8) It-teknoloġiji li qed jevolvu, it-tibdil fil-modi kif l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni jintużaw mill-adulti u mit-tfal, u t-tibdil fl-imġiba soċjetali qed iwasslu għal riskji ġodda għat-tfal. Il-bażi ta' l-għarfien li tista' tintuża sabiex jitfasslu azzjonijiet effiċjenti għandha bżonn tissaħħaħ sabiex dawn it-tibdiliet jinftiehmu aħjar . Ikollhom jiġu kkombinati bosta miżuri b'mod komplementarju u li jinvolvi ħafna aspetti differenti; dan jinkludi per eżempju l-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġiji ta' appoġġ u l-promozzjoni ta' l-aħjar prattika għall-kodiċijiet tal-kondotta li jinkorporaw kanoni ta' mġiba li hemm qbil ġenerali dwarhom jew kooperazzjoni ma' l-industrija dwar għanijiet maqbula.

(9) Il-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali minħabba n-natura globali tal-problema. Il-kontenut illegali jista' jkun prodott f'pajjiż wieħed, ospitat f'ieħor, iżda aċċessat u mniżżel mad-dinja kollha. Il-kooperazzjoni internazzjonali, li ġiet stimulata permezz ta' l-istrutturi tan-netwerks Komunitarji, teħtieġ li tiġi rinfurzata sabiex it-tfal jitħarsu aħjar minn riskji transkonfinali li jinvolvu pajjiżi terzi. Skambju ta' l-aħjar prattika bejn l-organizzazzjonijiet Ewropej u organizzazzjonijiet f'partijiet oħrajn tad-dinja kollha jistgħu jkunu reċiprokament vantaġġjużi.

(10) Il-miżuri li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta skond is-setgħat ta' l-implimentazzjoni mogħtija lilha b'din id-Deċiżjoni huma essenzjalment miżuri ta' ġestjoni relatati ma' l-implimentazzjoni ta' programm b'implikazzjonijiet baġitarji sostanzjali fis-sens ta' l-Artikolu 2(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni[37]. Dawn il-miżuri għalhekk għandhom jiġu adottati skond il-proċedura ta' l-amministrazzjoni pprovduta fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni.

(11) Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-komplementarjetà u s-sinerġija ma' inizjattivi u programmi Komunitarji relatati.

(12) Din id-Deċiżjoni għandha tistabbilixxi, għat-terminu kollu tal-programm, qafas finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja, fis-sens tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament

35 ĠU L 162, 1.7.2003, p. 1.
36 ĠU L 149, 11.6.2005, p. 1
37 ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba[38].

(13) Ladarba l-għanijiet ta' l-azzjonijiet proposti ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba n-natura tranżnazzjonali tal-kwistjonijiet involuti u jistgħu, għalhekk, minħabba l-ambitu Ewropew u l-effetti Ewropej ta' l-azzjonijiet, jinkisbu aħjar fuq livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(14) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8 u 24 tagħha,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**L-għan tal-programm**

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi programm Komunitarju biex tippromwovi użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari għat-tfal, u biex jiġu miġġieldin il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża *fuq l-Internet*.

   Il-programm għandu jkun magħruf bħala l-programm ta' "Internet Aktar Sikur" (minn hawn 'il quddiem "il-Programm").

2. Sabiex jinkiseb l-għan ġenerali tal-Programm, għandhom jiġu indirizzati l-linji ta' azzjoni li ġejjin:

   (a) it-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża *fuq l-Internet*;

   (b) il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet;

   (c) l-iżgurar ta' kuxjenza pubblika;

   (d) il-ħolqien ta' bażi ta' l-għarfien.

   L-attivitajiet li għandhom jitwettqu fuq dawn il-linji ta' azzjoni huma stabbiliti fl-Anness I.

   Il-Programm għandu jiġi implimentat skond l-Anness III.

*Artikolu 2*

**Il-Parteċipazzjoni**

---

[38] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

1. Il-parteċipazzjoni fil-Programm għandha tkun miftuħa għall-entitajiet legali stabbiliti fl-Istati Membri.

2. Il-Programm għandu wkoll ikun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta':

(a) l-entitajiet legali stabbiliti fil-pajjiżi ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE;

(b) l-entitajiet legali stabbiliti fil-pajjiżi fi triqithom lejn l-adeżjoni u l-pajjiżi kandidati li jibbenefikaw minn strateġija ta' qabel l-adeżjoni, skond il-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteċipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi Komunitarji stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Qafas rispettivi u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' l-Assoċjazzjoni;

(c) l-entitajiet legali stabbiliti fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u l-viċinat Ewropew, skond id-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu ddeterminati ma' dawk il-pajjiżi wara t-twaqqif ta' Ftehimiet ta' Qafas dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-programmi Komunitarji;

(d) l-entitajiet legali stabbiliti f'pajjiż terz li huwa parti fi ftehim internazzjonali mal-Komunità, li skond it-termini tiegħu jew abbażi tiegħu jagħmel kontribuzzjoni finanzjarja għall-Programm;

(e) organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi minbarra dawk imsemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d) skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III.

*Artikolu 3*

**Il-kompetenzi tal-Kummissjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programm.

2. Il-Kummissjoni għandha tfassal programm ta' ħidma fuq il-bażi ta' din id-Deċiżjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha taġixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 4(2) għall-finijiet li ġejjin:

(a) l-adozzjoni u l-modifika tal-programm ta' ħidma, inkluża d-determinazzjoni ta' l-oqsma prioritarji għall-kooperazzjoni internazzjonali;

(b) kwalunkwe devjazzjoni mir-regoli stabbiliti fl-Anness III;

(c) l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-evalwazzjoni tal-programm.

4. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 4 dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-Programm.

*Artikolu 4*

**Il-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat.

2. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, għandhom jgħoddu l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, filwaqt li jitqies l-Artikolu 8 tagħha.

   Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli tal-proċedura tiegħu.

*Artikolu 5*

**Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni**

1. Sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna Komunitarja tintuża b'mod effiċjenti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-azzjonijiet skond din id-Deċiżjoni jkunu soġġetti għal evalwazzjoni minn qabel, segwitu u evalwazzjoni sussegwenti.

2. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-implimentazzjoni tal-proġetti taħt il-Programm. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-mod kif twettqu l-proġetti u l-impatt ta' l-implimentazzjoni tagħhom sabiex tevalwa jekk intlaħqux l-għanijiet oriġinali.

3. Il-Kummissjoni għandha tirraporta dwar l-implimentazzjoni tal-linji ta' azzjoni msemmija fl-Artikolu 1(2) lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, sa mhux aktar tard minn [sentejn u nofs wara d-data tal-pubblikazzjoni].

   Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport ta' evalwazzjoni finali fi tmiem il-Programm.

*Artikolu 6*

**Id-dispożizzjonijiet finanzjarji**

1. Il-Programm għandu jkopri perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2009.

2. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2013 huwa b'dan stabbilit fil-livell ta' EUR 55 miljun.

   L-approprjazzjonijiet annwali għall-perjodu mill-2009 sa l-2013 għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja.

3. Jingħata tqassim indikattiv ta' l-infiq fl-Anness II.

*Artikolu 7*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**ANNESS I**

**L-AZZJONIJIET**

**Daħla**

L-għan tal-programm huwa li jippromwovi użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni, b'mod partikolari għat-tfal, u li jiġu miġġielda l-kontenut illegali u l-imġiba dannuża *fuq l-internet.*

Sabiex jikseb dan l-għan, il-programm se jiffoka fuq għajnuna prattika għall-utent finali, b'mod partikolari t-tfal, il-ġenituri, dawk li jieħdu ħsiebhom u l-edukaturi, billi jħeġġu l-isħubijiet bejn bosta partijiet interessati.

Il-programm għandu l-għan ġenerali li jippromwovi l-użu aktar sikur ta' l-Internet u tat-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunkazzjoni (minn hawn 'il quddiem "teknoloġiji *online*"), speċjalment mit-tfal, jippromwovi l-iżvilupp ta' ambjent sikur fuq l-internet, inaqqas l-ammont ta' kontenut illegali mxerred fuq l-internet, jittratta l-imġiba potenzjalment dannuża fuq l-internet u jiżgura kuxjenza pubblika dwar ir-riskji fuq l-internet u l-prekawzjonijiet.

Sabiex jiżgura approċċ koerenti dwar ir-riskji, fejn il-kontenut u s-servizzi jistgħu jiġu aċċessati u użati kemm *online* kif ukoll *offline*, bħal fil-każ tal-logħob tal-kompjuter, il-programm jista' jindirizza ż-żewġ tipi ta' aċċess u użu.

Il-programm se jiġi implimentat permezz ta' erba' linji ġenerali ta' azzjoni:

**1. It-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża fuq l-internet**

L-attivitajiet huma mmirati lejn it-tnaqqis ta' l-ammont ta' kontenut illegali ċċirkolat fuq l-internet u lejn it-trattament adegwat ta' l-imġiba dannuża fuq l-internet, b'attenzjoni partikolari fuq it-tixrid ta' materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet, it-tħejjija għall-abbuż sesswali u l-ibbulijar. L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:

1. *L-għoti lill-pubbliku ta' punti ta' kuntatt għar-rappurtar ta' kontenut illegali fuq l-internet u mġiba dannuża fuq l-internet.* L-attivitajiet għandhom jiżguraw li dawn il-punti ta' kuntatt huma effettivi u viżibbli għall-pubbliku, għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' azzjonijiet oħrajn fuq livell nazzjonali, u jikkooperaw fuq livell Ewropew biex jittrattaw kwistjonijiet transkonfinali, u jiskambjaw l-aħjar prattika.

2. *L-ittrattar ta' l-imġiba dannuża fuq l-internet, b'mod partikolari t-tħejjija għall-abbuż sesswali u l-ibbulijar.* L-attivitajiet se jimmiraw li jittrattaw it-tħejjija għall-abbuż sesswali fuq l-internet, il-proċess li bih adult jagħmel ħbieb ma' tifel jew tifla bil-għan li jwettaq abbuż sesswali, u l-ibbulijar. L-azzjonijiet jittrattaw kwistjonijiet tekniċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u jippromwovu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati.

3. *It-tqanqil ta' l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu ttrattati b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet.* L-attivitajiet għandhom iħeġġu l-iżvilupp jew l-adattazzjoni ta' għodod teknoloġiċi effettivi biex jittrattaw b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet, għall-użu ġenerali mill-partijiet interessati.

4. *Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-esperjenza u l-aħjar prattika bejn il-partijiet interessati fuq livell nazzjonali u Ewropew.* L-attivitajiet se jimmiraw li jtejbu l-koordinazzjoni tal-partijiet interessati involuti fil-ġlieda kontra d-distribuzzjoni ta' kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet u jħeġġu l-parteċipazzjoni u l-involviment ta' dawn il-partijiet interessati.

5. *It-titjib tal-kooperazzjoni, l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-esperjenza fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali.* L-attivitajiet se jimmiraw li jtejbu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, jarmonizzaw il-metodi ta' trattement tal-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali u jħeġġu l-iżvilupp ta' metodi komuni u metodi ta' ħidma.

**2. Il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet**

L-attivitajiet se jimmiraw li jiġbru lill-partijiet interessati biex isibu modi biex jippromwovu ambjent aktar sikur fuq l-internet u jħarsu lit-tfal minn kontenut li jista' jkun dannuż għalihom. L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:

1. *It-titjib tal-kooperazzjoni, l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-esperjenza u l-aħjar prattika bejn il-partijiet interessati.* L-attivitajiet se jimmiraw li jtejbu l-kooperazzjoni, jarmonizzaw l-approċċi fil-ħolqien ta' ambjent aktar sikur għat-tfal fuq l-internet, u jippermettu l-iskambju ta' l-aħjar prattiki u metodi ta' ħidma. L-azzjonijiet sejrin ikollhom l-għan li lill-partijiet interessati jipprovdulhom pjattaforma miftuħa għad-diskussjoni tal-kwistjonijiet marbuta mal-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet u ta' modi għall-ħarsien tat-tfal minn kontenut potenzjalment dannuż fi pjattaformi differenti.

2. *It-tħeġġiġ tal-partijiet interessati biex jiżviluppaw u jimplimentaw sistemi xierqa ta' awtoregolazzjoni.* L-azzjonijiet se jħeġġu l-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' inizjattivi awtoregolatorji u jħeġġu lill-partijiet interessati biex iqisu s-sikurezza tat-tfal meta jiżviluppaw teknoloġiji u servizzi ġodda.

3. *It-tqanqil ta' l-involviment tat-tfal u ż-żgħażagħ fil-ħolqien ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet.* L-azzjonijiet se jimmiraw li jinvolvu lit-tfal u liż-żgħażagħ bil-għan li jinftiehmu aħjar il-perspettivi u l-esperjenzi tagħhom dwar l-użu tat-teknoloġiji online u dwar kif jiġi promoss ambjent aktar sikur għat-tfal fuq l-internet.

4. *Iż-żieda ta' l-informazzjoni dwar għodod xierqa biex jiġi ttrattat il-kontenut dannuż fuq l-internet.* L-attivitajiet se jimmiraw li jżidu l-informazzjoni dwar il-ħidma u l-effettività ta' l-għodod biex jiġi ttrattat il-kontenut potenzjalment dannuż fuq l-internet u biex l-utenti jiġu mgħammra b'informazzjoni, strumenti u applikazzjonijiet li jappoġġawhom b'mod xieraq biex jittrattaw il-kontenut dannuż fuq pjattaformi differenti.

5. *L-iżgurar tal-kompatibbiltà bejn l-approċċ segwit fl-Ewropa u dak internazzjonali.* L-attivitajiet se jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-esperjenza u l-aħjar prattika bejn il-partijiet interessati fuq livell Ewropew u dak internazzjonali.

**3. L-iżgurar tal-kuxjenza pubblika**

L-attivitajiet se jkunu mmirati lejn it-tkabbir tal-kuxjenza tal-pubbliku, b'mod partikolari tat-tfal, tal-ġenituri, ta' dawk li jieħdu ħsiebhom, u ta' l-edukaturi, dwar l-opportunitajiet u r-riskji marbutin ma' l-użu tat-teknoloġiji *online* u l-mezzi biex wieħed jibqa' sikur fuq l-internet. L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:

1. *Il-ħolqien tal-kuxjenza pubblika u t-tixrid ta' l-informazzjoni dwar l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji online.* L-attivitajiet se jippromwovu l-kuxjenza pubblika billi jipprovdu informazzjoni xierqa dwar il-possibbiltajiet, ir-riskji u l-modi kif jiġu ttratati b'mod ikkoordinat ma' l-Ewropa kollha. L-attivitajiet se jħeġġu mezzi effettivi f'termini ta' nfiq li permezz tagħhom jixxerred it-tagħrif ta' kuxjenza lil għadd kbir ta' utenti.

2. *L-għoti ta' punti ta' kuntatt fejn il-ġenituri u t-tfal jistgħu jirċievu t-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar kif jibqgħu sikuri fuq l-internet.* L-attivitajiet se jkunu mmirati li jagħtu s-setgħa lill-utenti jagħmlu għażliet infurmati u responsabbli billi jipprovdulhom pariri dwar informazzjoni rilevanti u l-prekawzjonijiet li għandhom jieħdu biex jibqgħu sikuri fuq l-internet.

3. *It-tħeġġiġ tat-titjib ta' mezzi u għodda effiċjenti u effettivi f'termini ta' nfiq biex tinħoloq kuxjenza.* L-attivitajiet se jkunu mmirati li jtejbu l-metodi u l-għodda rilevanti biex tinħoloq kuxjenza bil-għan li dawn ikunu aktar effiċjenti u effettivi f'termini ta' nfiq f'perspettiva fit-tul.

4. *L-iżgurar ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika u l-kooperazzjoni transkonfinali fuq livell Ewropew.* Se jittieħdu azzjonijiet biex jiġu żgurati l-kooperazzjoni transkonfinali effettiva fl-Ewropa u l-iskambju effettiv ta' l-aħjar prattika, għodda, metodi, esperjenza u informazzjoni.

5. *L-iżgurar ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika u l-kooperazzjoni fuq livell internazzjonali.* L-attivitajiet se jkunu mmirati li jippromwovu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' l-aħjar prattika, għodda, metodi, esperjenza u informazzjoni fuq livell internazzjonali għall-inkoraġġiment ta' metodi komuni u metodi ta' ħidma u jittejbu l-effettività, l-effiċjenza f'termini ta' nfiq u l-firxa ta' inizjattivi globali.

**4. Il-ħolqien ta' bażi ta' l-għarfien**

L-attivitajiet se jimmiraw li jistabbilixxu bażi ta' għarfien biex jiġu ttrattati b'mod effettiv użi eżistenti u emerġenti ta' l-ambjent ta' fuq l-internet u r-riskji u l-konsegwenzi rilevanti, bil-għan li jitfasslu azzjonijiet xierqa mmirati li jiżguraw is-sikurezza fuq l-internet għall-utenti kollha. L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:

1. *It-tħeġġiġ ta' strateġija kkoordinata dwar ir-riċerka fl-oqsma rilevanti.* L-azzjonijiet se jiżguraw sforz konġunt biex jinġabru x-xjenzati u l-esperti involuti fil-qasam tas-sikurezza tat-tfal fuq l-internet fuq livell Ewropew, jistimulaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni internazzjonali u jistabbilixxu perspettivi ġenerali aġġornati ta' riċerka eżistenti u emerġenti.

2. *L-għoti ta' informazzjoni aġġornata dwar l-użu mit-tfal tat-teknoloġiji online.* Se jittieħdu azzjonijiet biex tiġi ġġenerata informazzjoni aġġornata dwar l-użu mit-tfal tat-teknoloġiji online u l-mod kif huma u l-ġenituri tagħhom u dawk li jieħdu ħsiebhom jittrattaw kemm l-opportunitajiet kif ukoll ir-riskji. L-azzjonijiet se

jinkludu aspetti kwantitattivi u kwalitattivi. L-azzjonijiet se jimmiraw ukoll li jżidu l-għarfien ta' l-istrateġiji proprji tat-tfal u ż-żgħażagħ biex jittrattaw ir-riskji fl-ambjent ta' fuq l-internet, u jevalwaw l-effettività ta' dawn l-istrateġiji.

3. *Il-promozzjoni tar-riċerka dwar il-vittimizzazzjoni tat-tfal fuq l-internet.* L-azzjonijiet se jimmiraw li jinvestigaw kwistjonijiet tekniċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi relatati mal-vittimizzazzjoni tat-tfal fl-ambjent ta' fuq l-internet, inklużi l-ibbulijar, it-tħejjija għall-abbuż sesswali, kwistjonijiet relatati mal-materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet u forom emerġenti ta' mġiba li tista' tqiegħed lit-tfal fir-riskju tad-dannu.

4. *Il-promozzjoni ta' l-investigazzjoni dwar modi effiċjenti biex jitjieb l-użu sikur tat-teknoloġiji online.* L-azzjonijiet jistgħu jikkonċernaw l-investigazzjonijiet u l-provi tal-metodi u l-għodod tal-ħolqien tal-kuxjenza, skemi koregolatorji u awtoregolatorji li rnexxew, l-effettività ta' soluzzjonijiet tekniċi u mhux tekniċi differenti, kif ukoll kwistjonijiet oħrajn rilevanti.

5. *Iż-żieda fl-għarfien dwar l-effetti ta' l-użu ta' teknoloġiji attwali u emerġenti fuq it-tfal u ż-żgħażagħ.* L-azzjonijiet se jimmiraw li jifhmu aħjar l-effetti psikoloġiċi, ta' mġiba u soċjoloġiċi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ li jużaw it-teknoloġiji online, li jvarjaw mill-effett ta' l-esponiment għall-kontenut u l-imġiba dannużi għat-tħejjija għall-abbuż sesswali u l-ibbulijar u fuq pjattaformi differenti, minn kompjuters u telefowns ċellulari għal konsowls tal-logħob u teknoloġiji oħrajn li qed jiżviluppaw.

## ANNESS II

## TQASSIM INDIKATTIV TA' L-INFIQ

| | | |
|---|---|---|
| (1) | It-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża fuq l-internet | 30-35% |
| (2) | Il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet | 5-10% |
| (3) | L-iżgurar tal-kuxjenza pubblika | 45-50% |
| (4) | Il-ħolqien ta' bażi ta' l-għarfien | 8-15% |

## ANNESS III

## IL-METODI TA’ L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM

(1) Il-Kummissjoni se timplimenta l-programm skond il-kontenut tekniku speċifikat fl-Anness I.

(2) Il-programm se jiġi implimentat permezz ta’ azzjonijiet li jinkludu:

A. Azzjonijiet ta’ spejjeż konġunti:

1. Proġetti esperimentali u azzjonijiet ta’ l-aħjar prattika; proġetti *ad hoc* fl-oqsma rilevanti għall-programm, inklużi proġetti li juru l-aħjar prattika jew li jinvolvu użi innovattivi tat-teknoloġija eżistenti.

2. Netwerks u azzjonijiet nazzjonali li jiġbru għadd ta’ partijiet interessati sabiex tiġi żgurata l-azzjoni madwar l-Ewropa kollha u jiġu ffaċilitati l-attivitajiet tal-koordinazzjoni u t-trasferiment ta’ l-għarfien.

3. Investigazzjoni madwar l-Ewropa kollha mwettqa fuq bażi komparabbli dwar il-mod kif l-adulti u t-tfal jużaw it-teknoloġiji *online*, ir-riskji li jirriżultaw għat-tfal u l-effetti tal-prattika dannuża fuq it-tfal, u aspetti ta’ mġiba u psikoloġiċi b’enfasi fuq l-abbuż sesswali tat-tfal relatat ma’ l-użu tat-teknoloġiji *online*, riċerka dwar sitwazzjonijiet ta' riskju fil-ġejjieni kkawżati minn tibdiliet fl-imġiba jew żviluppi teknoloġiċi, eċċ.

4. Proġetti għall-implimentazzjoni ta' teknoloġiji.

B. Miżuri ta' akkumpanjament

Miżuri ta' akkumpanjament se jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-programm jew il-preparazzjoni ta’ attivitajiet futuri.

1. Sorveljanza ta' l-ilħiq ta' standards u stħarriġ dwar opinjonijiet biex tiġi prodotta dejta affidabbli dwar l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji *online* għall-Istati Membri kollha, miġbura permezz ta’ metodoloġiji komparabbli.

2. Valutazzjoni teknika tat-teknoloġiji bħall-iffiltrar imfassla li jippromwovu użu aktar sikur ta’ l-Internet u tat-teknoloġiji l-ġodda *online*.

3. Studji b’sostenn tal-programm u l-azzjonijiet tiegħu.

4. L-iskambju ta’ informazzjoni permezz ta’ konferenzi, seminars, gruppi ta’ ħidma jew laqgħat oħrajn u l-ġestjoni ta’ attivitajiet miġbura.

5. Attivitajiet tat-tixrid, ta’ l-informazzjoni u l-komunikazzjoni.

(3) Skond l-Artikolu 2(2)(e), l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-entitajiet legali stabbiliti f’pajjiżi terzi jistgħu jieħdu sehem f’azzjonijiet bi spejjeż maqsuma, bi jew mingħajr finanzjament Komunitarju, b'dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-azzjoni għandha taqa' taħt prijorità għall-kooperazzjoni internazzjonali kif iddefinita fil-programm ta' ħidma. Dawn il-prioritajiet jistgħu jiġu ddefiniti skond il-qasam tematiku ta' l-attività, skond il-qasam ġeografiku, jew it-tnejn;

(ii) il-programm ta' ħidma jista' jiddefinixxi kriterji u kundizzjonijiet ulterjuri li għandhom jiġu ssodisfatti mill-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi sabiex jirċievu finanzjament Komunitarju.

(4) L-għażla ta' azzjonijiet ta' spejjeż konġunti se tkun ibbażata fuq sejħiet għal proposti ppubblikati fuq is-sit ta' l-Internet tal-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji fis-seħħ.

(5) L-applikazzjonijiet għall-appoġġ Komunitarju għandhom jipprovdu, fejn xieraq, pjan finanzjarju li jelenka l-komponenti kollha tal-finanzjament tal-proġetti, inkluż l-appoġġ finanzjarju mitlub mill-Komunità u kwalunkwe talba oħra għal jew għotja ta' appoġġ minn għejun oħrajn.

(6) Il-miżuri ta' akkumpanjament se jiġu implimentati permezz ta' sejħiet għall-offerti skond id-dispożizzjonijiet finanzjarji fis-seħħ.

**PROSPETT FINANZJARJU LEĠIŻLATTIV**

## 1. ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni

## 2. IL-QAFAS ABM / ABB

Qasam ta' Politika: Is-Soċjetà ta' l-Informazzjoni

Attività/Attivitajiet: Politika tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-sigurtà tan-netwerk

## 3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

### 3.1. Il-linji tal-baġit (linji ta' l-operat u linji relatati tekniċi u ta' assistenza amministrattiva (linji ex- B.A)) inklużi l-intestaturi:

09 02 02

09 01 04 04

### 3.2. It-tul ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju:

2009 – 2013

Il-karatteristiċi baġitarji (*żid ir-rigi jekk meħtieġ*)

| Linja tal-baġit | Tip ta' nfiq | | Ġdid | Kontribuzzjoni ta' l-EFTA | Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi applikanti | Intestatura fil-perspettiva finanzjarja |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **09 02 02** | **Mhux komp** | **Diff**[39] | **IVA** | **IVA** | **IVA** | Nru 1 A |
| **09 010 404** | **Mhux komp** | **Mhux-Diff**[40] | **IVA** | **IVA** | **IVA** | Nru 1 A |

[39] Approprjazzjonijiet differenzjati.
[40] Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

# 4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

## 4.1. Riżorsi Finanzjarji

### *4.1.1. Sommarju ta' l-approprazzjonijiet ta' impenn (AI) u approprjazzjonijiet ta' ħlas (ĦA)*

*EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)*

| **Tip ta' nfiq** | Taqsima Nru | | Sena n | n + 1 | n + 2 | n + 3 | n + 4 | n + 5 u wara | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Infiq ta' l-operat[41]** | | | | | | | | | |
| Approprazzjonijiet ta' impenn (AI) | 8.1 | a | 10.7 | 10.7 | 10.7 | 10.7 | 10.7 | | 53.5 |
| Approprazzjonijiet ta' ħlas (AĦ) | | b | | 5.08 | 6.61 | 9.55 | 10.05 | 22.21 | 53.5 |
| **Infiq amministrattiv fi ħdan l-ammont ta' riferenza[42]** | | | | | | | | | |
| Assistenza teknika u amministrattiva (NDA) | 8.2.4 | c | 0.3 | 0.3 | 0.3 | 0.3 | 0.3 | | 1.5 |
| **AMMONT TOTALI TA' RIFERENZA** | | | | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet ta' impenn** | | **a+c** | 11 | 11 | 11 | 11 | 11 | | **55.0** |
| **Approrprazzjonijiet ta' ħlas** | | **b+c** | 0.3 | 5.38 | 6.91 | 9.85 | 10.35 | 22.21 | **55.0** |
| **Infiq amministrattiv <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' riferenza[43]** | | | | | | | | | |
| Riżorsi umani u nfiq assoċjat (NDA) | 8.2.5 | d | 1.249 | 1.249 | 1.249 | 1.249 | 1.249 | 1.249 | 7.494 |
| Spejjeż amministrattivi, minbarra riżorsi umani u nfiq assoċjat, mhux inkluż fl-ammont ta' riferenza (NDA) | 8.2.6 | e | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.024 | 0.359 |
| **Spiża finanzjarja totali indikattiva tal-miżura** | | | | | | | | | |
| **AI TOTALI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani** | | a+c +d+ e | 12.316 | 12.316 | 12.316 | 12.316 | 12.316 | 1.273 | 62.853 |
| **AĦ TOTALI inkluża l-ispiża tar-Riżorsi Umani** | | b+c +d+ e | 1.616 | 6.696 | 8.226 | 11.166 | 11.666 | 23.483 | 62.853 |

**Dettalji tal-finanzjament konġunt**

41 Infiq li ma jaqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titolu xx ikkonċernat.
42 Infiq li jaqa' taħt l-Artikolu xx 01 04 tat-Titolu xx.
43 Infiq li jaqa' taħt il-Kapitolu xx 01 minbarra l-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

Jekk il-proposta tinvolvi finanzjament konġunt mill-Istati Membri, jew minn korpi oħrajn, għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-finanzjament konġunt:

*EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)*

| Korp tal-kofinanzjament | | Sena n | n + 1 | n + 2 | n + 3 | n + 4 | n + 5 u wara | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| …………………… | f | | | | | | | |
| AI TOTALI inkluż il-kofinanzjament | a+c +d+ e+f | | | | | | | |

## 4.1.2. *Il-kompatibilità ma' l-Ipprogrammar Finanzjarju*

☑ Il-proposta hija kompatibbli ma' l-ippjanar finanzjarju eżistenti.

☐ Il-proposta se timplika l-programmar mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[44] (jiġifieri strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

## 4.1.3. *L-impatt finanzjarju fuq id-dħul*

☑ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul

☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju — l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

*EUR miljun (sa ċifra deċimali waħda)*

| | | Qabel l-azzjoni | Sitwazzjoni wara l-azzjoni | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Linja tal-baġit | Dħul | [Sena n-1] | [Sena n] | [n+1] | [n+2] | [n+3] | [n+4] | [n+5][45] |
| | *a) Dħul f'termini assoluti* | | | | | | | |
| | *b) Tibdil fid-dħul* | *Δ* | | | | | | |

## 4.2. **Riżorsi Umani FTE (inklużi uffiċjali, impjegati temporanji u esperti) — ara d-dettalji taħt il-punt 8.2.1.**

[44] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

[45] Għandhom jiżdiedu kolonni addizzjonali jekk meħtieġ, jiġifieri jekk it-terminu ta' l-azzjoni jaqbeż is-sitt snin.

| **Rekwiżiti annwali** | Sena n | n + 1 | n + 2 | n + 3 | n + 4 | n + 5 u wara |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Għadd totali ta' riżorsi umani | 12 | 12 | 12 | 12 | 12 | 12 |

## 5. KARATTERISTIĊI U GĦANIJIET

### 5.1. Il-ħtieġa li għandha tinqeda fi żmien qasir jew fit-tul

Hemm bżonn kontinwu ta' azzjonijiet li jittrattaw il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet, il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet u l-iżgurar tal-kuxjenza pubblika dwar ir-riskji u l-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu f'ambjent fuq l-internet li qed jinbidel. Hemm bżonn ukoll li l-ambitu tal-programm jiġi estiż sabiex jiffoka b'mod partikolari fuq il-ħarsien tat-tfal vulnerabbli fl-ambjent ta' fuq l-internet, b'mod partikolari s-sitwazzjoni fejn persuna tagħmel ħbieb ma' tifel jew tifla għall-abbuż sesswali ("it-tħejjija għall-abbuż sesswali") u l-ibbulijar, li jista' jkollu konsegwenzi gravi u fit-tul għat-tifel jew it-tifla. Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi deskritti hawn fuq, hemm bżonn ta' aktar għarfien.

### 5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti oħrajn finanzjarji u s-sinerġiji possibbli

Il-Komunità se tqanqal l-aħjar prattika fl-Istati Membri billi tipprovdi gwida u tagħti appoġġ għas-sorveljanza ta' l-ilħiq ta' standards fuq livell Ewropew, in-netwerkjar u t-tisħiħ tal-bażi ta' l-għarfien. L-attivitajiet nazzjonali se jikkontribwixxu għal "effett ta' multiplikatur" bil-għan li jittejjeb it-tixrid ta' l-aħjar prattika. L-użu mill-ġdid ta' l-għodda, il-metodi, l-istrateġiji u t-teknoloġiji ttestjati jew l-aċċess għal dejta aġġornata fuq livell Ewropew se jtejbu l-effiċjenza f'termini ta' nfiq u l-effettività tal-parteċipanti fil-livell ta' l-Istati Membri.

Il-programm jimmira li jimmassimizza s-sinerġija ma' attivitajiet nazzjonali permezz ta' netwerkjar u inizjattivi ta' l-UE. L-attivitajiet proposti parzjalment jibnu fuq ir-riżultati miksuba f'azzjonijiet ta' qabel u jikkomplementaw azzjonijiet mibdija taħt programmi u inizjattivi oħrajn ta' l-UE (jiġifieri l-Prevenzjoni ta' u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità, Żgħażagħ fl-Azzjoni, Daphne III) biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi mmassimizzat l-impatt.

### 5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

L-għanijiet se jkunu:

(1) It-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża fuq l-internet;

(2) Il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet;

(3) L-iżgurar tal-kuxjenza pubblika;

(4) Il-ħolqien ta' bażi ta' l-għarfien.

L-għanijiet ta' l-operat jispeċifikaw il-miri li jiffaċilitaw l-ilħiq ta’ l-għanijiet ta’ hawn fuq:

| L-għanijiet ta' l-operat | L-indikaturi |
|---|---|
| **Il-kontenut illegali u l-kontenut/l-imġiba dannuż/a** | |
| Il-punti pubbliċi tar-rappurtar | L-għadd ta’ punti tar-rappurtar / il-kopertura ta’ l-SM; L-għadd ta’ rapporti rċevuti, ta’ azzjonijiet tal-pulizija, ta’ paġni ta' l-internet irtirati; il-livell ta' kuxjenza pubblika |
| L-imġiba dannuża fuq l-internet | Il-livell ta’ kuxjenza pubblika |
| Is-soluzzjonijiet tekniċi | L-għadd ta’ proġetti |
| **Il-promozzjoni ta’ ambjent aktar sikur fuq l-internet** | |
| L-involviment ta’ l-industrija | L-għadd ta’ laqgħat / konferenzi organizzati / attenduti. L-għadd ta’ operazzjonijiet awtoregolatorji |
| Il-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati | L-għadd ta’ laqgħat / konferenzi organizzati / attenduti. L-għadd ta’ proġetti u inizjattivi |
| **Il-ħolqien tal-kuxjenza** | |
| L-għotja tas-setgħa lill-utenti biex jibqgħu sikuri fuq l-internet | Il-livelli tal-kuxjenza ta’ l-utenti |
| Sforz ikkoordinat biex tinħoloq kuxjenza u tixxerred l-informazzjoni dwar kwistjonijiet ta’ sikurezza | L-għadd ta’ punti ta' kuxjenza / il-kopertura ta' l-SM; L-għadd ta' membri tal-persunal involuti, ta’ azzjonijiet tal-kuxjenza, ta’ partijiet interessati milħuqa; il-viżibilità; il-livelli ta’ kuxjenza |
| Il-metodi u l-għodda biex tinħoloq kuxjenza | L-għadd ta’ metodi / ta' għodda li jistgħu jiġu rreplikati |
| L-involviment tat-tfal fil-ħolqien ta’ ambjent aktar sikur fuq l-internet | L-għadd ta’ tfal / ta’ attivitajiet fejn hemm it-tfal involuti |
| **Il-ħolqien ta’ bażi ta’ l-għarfien** | |
| Investigazzjoni kkoordinata madwar l-UE kollha | L-għadd ta’ temi koperti, ta’ pajjiżi indirizzati |
| Bażi ta’ informazzjoni aġġornata | L-għadd ta’ proġetti, ta’ pubblikazzjonijiet |
| It-twessigħ ta’ l-għarfien dwar l-istrateġiji tat-tfal stess kontra r-riskji relatati ma’ l-internet | L-għadd ta’ proġetti, ta’ pubblikazzjonijiet |
| Studji dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal relatat | L-għadd ta’ proġetti, ta’ pubblikazzjonijiet |

| | |
|---|---|
| ma' l-internet | |
| **L-azzjonijiet kollha** | |
| Il-kooperazzjoni, l-iskambju ta' l-informazzjoni, l-esperjenza, l-aħjar prattika bejn il-partijiet interessati fuq il-livell ta' l-UE / fuq il-livell internazzjonali. | L-għadd ta' laqgħat / konferenzi organizzati / attenduti. |

### 5.4. Il-metodu ta' implimentazzjoni (indikattiv)

☑ ***Ġestjoni ċentralizzata***

☑ direttament mill-Kummissjoni

Il-mekkaniżmi tat-twettiq isegwu l-istrateġija normali Komunitarja għall-għotja ta' flus u l-finanzjament konġunt u l-azzjonijiet li huma għal kollox iffinanzjati mill-Komunità fuq il-bażi ta' talba finanzjarja ddettaljata. Il-finanzjament se jingħata permezz ta' sejħiet għall-proposti u sejħiet għall-offerti.

## 6. IL-MONITORAĠĠ U L-EVALWAZZJONI

### 6.1. Is-sistema tal-monitoraġġ

L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-programm se jkunu r-responsabbiltà ta' l-uffiċjali tal-Kummissjoni. Il-monitoraġġ se jkun ibbażat fuq:

- informazzjoni miksuba minn benefiċjarji (rapporti ta' attività u oħrajn finanzjarji);
- żjarat lill-proġetti;
- reazzjonijiet dwar l-attivitajiet tal-parteċipanti fil-programm;
- evalwazzjoni interna u indikaturi tal-ħidma fil-proġetti u l-azzjonijiet kollha.

Għall-proġetti ta' darba, bħal seminars u konferenzi, il-monitoraġġ fil-post u l-evalwazzjoni esterna se jsiru fuq il-bażi ta' kampjuni aleatorji u/jew tal-fatturi ta' riskju.

### 6.2. L-evalwazzjoni

*6.2.1. L-evalwazzjoni ex-ante*

Twettqu valutazzjoni dettaljata ta' l-impatt u evalwazzjoni *ex-ante* inkluża analiżi tal-benefiċċju ta' l-ispejjeż, fuq bażi tar-riċerka mill-uffiċċju, ta' stħarriġ, studji Komunitarji u esterni u konsultazzjonijiet pubbliċi.

*6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja / ex-post*

L-Unjoni Ewropea ilha minn ta' quddiem f'dan il-qasam sa mill-1996. L-attivitajiet ta' qabel ġew evalwati bosta drabi minn esperti indipendenti, li enfasizzaw il-kontribut sinifikanti

tagħhom fl-ittrattar tar-riskji għat-tfal u rrakkomandaw li l-attivitajiet "għandhom jitkomplew".

Ġew ifformulati rakkomandazzjonijiet f'dawn ir-rapporti ta' evalwazzjoni u fl-istħarriġ ta' l-Ewrobarometru. Dawn il-lezzjonijiet mitgħallma tqiesu meta ġew iddefiniti l-għanijiet tal-programm il-ġdid u l-firxa ta' l-azzjonijiet tiegħu.

### *6.2.3. It-termini u l-frekwenza ta' l-evalwazzjoni futura*

Evalwazzjoni interim tal-programm se ssir f'nofs it-terminu. Se tevalwa l-effettività u l-effiċjenza tal-programme, tistħarreġ il-loġika ta' l-implimentazzjoni tiegħu u – jekk jgħodd – tifformola r-rakkomandazzjonijiet biex l-azzjonijiet tal-programm jingħataw direzzjoni ġdida.

Issir evalwazzjoni *ex-post* iffokata fuq l-impatt ta' l-azzjoni fi tmiem il-programm.

## 7. IL-MIŻURI KONTRA L-FRODI

Id-deċiżjonijiet u l-kuntratti tal-finanzjament bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji jipprovdu biex isiru verifiki *in situ* fuq il-post tal-benefiċjarji ta' għotja Komunitarja mill-Kummissjoni u mill-Qorti ta' l-Awdituri, u jagħtu s-setgħa li tintalab evidenza ta' kwalunkwe nfiq li sar skond dawn il-kuntratti, ftehimiet u impenji legali fi żmien ħames snin wara tmiem il-perjodu kuntrattwali. Il-verifiki fuq il-post isiru meta jitqies li jkunu meħtieġa.

Il-benefiċjarji huma soġġetti għal obbligi tar-rappurtar u taż-żamma tal-kotba finanzjarji. Dawn huma analizzati mill-perspettiva tal-kontenut u ta' l-eliġibilità ta' l-infiq, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji ta' l-ekonomija u tal-ġestjoni finanzjarja tajba.

Mehmuż mal-ftehimiet finanzjarji hemm informazzjoni ta' natura amministrattiva u finanzjarja, imfassla biex tispeċifika t-tip ta' nfiq li huwa eliġibbli taħt dawn il-ftehimiet. Fejn xieraq, il-kopertura Komunitarja ta' xi elementi ta' spejjeż se tkun illimitata għal oġġetti li huma reali, identifikabbli u verifikabbli fl-arranġamenti taż-żamma tal-kotba tal-benefiċjarju, sabiex tkun iffaċilitata l-analiżi u l-verifika tal-proġetti li jirċievu l-finanzjament.

Dwar l-akkwist pubbliku, u kif ipprovdut fir-Regolament Finanzjarju (l-Artikoli 93-96), il-Kummissjoni tista' timponi penali amministrattivi jew finanzjarji fuq kandidati jew offerenti li huma f'wieħed mill-każijiet ta' esklużjoni stipulati.

## 8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

### 8.1. L-għanijiet tal-proposta f’termini ta’ l-ispiża finanzjarja tagħhom

*L-approprjazzjonijiet ta’ l-impenji EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)*

| (L-Intestaturi ta’ l-Għanijiet, l-azzjonijiet u l-produzzjonijiet għandhom jiġu pprovduti) | It-tip ta’ riżultat | L-ispiża medja | Sena n | | Sena n+1 | | Sena n+2 | | Sena n+3 | | Sena n+4 | | Sena n+5 u wara | | TOTAL | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | **L-għadd ta' riżultati** | **L-ispiża totali** | **L-għadd ta' riżultati** | **L-ispiża totali** | **L-għadd ta' riżultati** | **L-ispiża totali** | **L-għadd ta' riżultati** | **L-ispiża totali** | **L-għadd ta' riżultati** | **L-ispiża totali** | **L-għadd ta' riżultati** | **L-ispiża totali** | **L-għadd ta' riżultati** | **L-ispiża totali** |
| **L-GĦAN TA' L-OPERAT Nru 1 It-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża fuq l-internet**[46] | | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-Azzjoni Nru 1: L-għoti lill-pubbliku ta' punti ta’ kuntatt għar-rappurtar tal-kontenut illegali u ta' l-imġiba dannuża * | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **L-għadd ta’ punti ta’ kuntatt — Riżultat 1*** | | | **14** | **3.1** | **12** | **2.55** | **13** | **2.75** | **14** | **3.1** | **13** | **2.75** | | | | **14.25** |
| **Il-kopertura fl-MS — Riżultat 2*** | | | | | **27** | | **27** | | **27** | | **27** | | | | **27** | |
| L-Azzjoni Nru 2: Il-promozzjoni ta’ l-iżvilupp u l-użu ta’ soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu ttrattati l-kontenut/imġiba illegali/dannużi | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **L-għadd ta’ proġetti — Riżultat 1** | | | **1** | **0.7** | **1** | **0.7** | **1** | **0.7** | **1** | **0.7** | **1** | **0.7** | | | **5** | **3.5** |

46 Kif deskritt fis-Sezzjoni 5.3.

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Subtotali Għan 1** | | | | **3.8** | | **3.25** | | **3.45** | | **3.8** | | **3.45** | | | | **17.75** |
| **L-GĦAN TA' L-OPERAT NRU 2 Il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet**[47] | | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-Azzjoni Nru 1: It-tqanqil tal-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati rilevanti billi jiġu organizzati fora fejn jistgħu jiltaqgħu | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **L-għadd ta' proġetti — Riżultat 1** | | | **1** | **0.65** | **1** | **0.65** | **1** | **0.65** | **1** | **0.65** | **1** | **0.65** | | | **5** | **3.25** |
| **L-għadd ta' laqgħat — Riżultat 2** | | | **2** | **0.05** | **2** | **0.05** | **2** | **0.05** | **2** | **0.05** | **2** | **0.05** | | | **10** | **0.25** |
| **Subtotali Għan 2** | | | | **0.7** | | **0.7** | | **0.7** | | **0.7** | | **0.7** | | | | **3.5** |
| **L-GĦAN TA' L-OPERAT Nru 3 L-iżgurar tal-kuxjenza pubblika** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-Azzjoni Nru 1: l-għoti lill-pubbliku ta' sforz koordinat biex tinħoloq kuxjenza dwar l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji *online* * | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **L-għadd ta' punti ta' kuntatt li jwettqu l-attivitajiet li jqajmu l-kuxjenza — Riżultat 1*** | | | **15** | **6.2** | **12** | **5** | **13** | **5.3** | **14** | **5.75** | **13** | **5.3** | | | | **27.55** |
| **Il-kopertura fl-MS — Riżultat 2*** | | | | | **27** | | **27** | | **27** | | **27** | | | | **27** | |
| **Subtotali Għan 3** | | | | **6.2** | | **5** | | **5.3** | | **5.75** | | **5.3** | | | | **27.55** |
| **L-GĦAN TA' L-OPERAT Nru 4 Il-ħolqien ta' bażi ta' l-għarfien** | | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-Azzjoni Nru 1: L-iżgurar ta' għarfien stabbli ta' informazzjoni aġġornata dwar l-użu mit-tfal tat-teknoloġiji *online* | | | | | | | | | | | | | | | | |

[47] Kif deskritt fis-Sezzjoni 5.3.

| | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-għadd ta' proġetti/pubblikazzjonijiet — Riżultat 1** | | | **0** | **0** | **2** | **1.75** | **2** | **1.25** | **1** | **0.45** | **2** | **1.25** | | | **7** | **4.7** |
| **Subtotali Għan 4** | | | **0** | **0** | **2** | **1.75** | **2** | **1.25** | **1** | **0.45** | **2** | **1.25** | | | **7** | **4.7** |
| L-ISPIŻA TOTALI | | | | **10.7** | | **10.7** | | **10.7** | | **10.7** | | **10.7** | | | | 53.5 |

***Il-programm se jipprova jipprovdi appoġġ finanzjarju għall-punti ta' kuntatt fl-Istati Membri kollha.** Dawn se jipprovdu faċilitajiet tar-rappurtar u sforz ikkoordinat biex tinħoloq kuxjenza.

## 8.2. L-infiq amministrattiv

*8.2.1. L-għadd u t-tip ta' riżorsi umani*

| It-tipi ta' kariga | | Il-persunal li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni ta' l-azzjoni bl-użu ta' riżorsi eżistenti u/jew ta' riżorsi addizzjonali (l-għadd ta' karigi /FTEs) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5 |
| Uffiċjali jew persunal temporanju [48] (XX 01 01) | A*/AD | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 | 4 |
| | B*, C*/AST | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 | 5 |
| Persunal iffinanzjat[49] mill-Art XX 01 02 | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| Persunal ieħor[50] iffinanzjat mill-Art XX 01 04/05 | | | | | | | |
| TOTAL | | 12 | 12 | 12 | 12 | 12 | 12 |

***8.2.2.** Deskrizzjoni tal-ħidmiet imnissla mill-azzjoni*

- Il-ġestjoni tal-programm: is-sejħiet, il-programm ta' ħidma, il-proċeduri tal-Kummissjoni
- Il-ġestjoni tal-proġetti: is-superviżjoni tal-proċessi ta' l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ ta' l-ispejjeż tal-proġett, l-għajnuna teknika
- L-organizzazzjoni jew is-superviżjoni tal-konferenzi, gruppi ta' ħidma u seminars, ta' kampanji tal-kuxjenza, ta' Jiem ta' Internet aktar Sikur u l-Forum ta' l-Internet aktar Sikur
- L-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet mhux iffinanzjati
- Il-kooperazzjoni mad-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni

*8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)*

*(Meta jiġi ddikjarat aktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull wieħed mis-sorsi)*

☑ Karigi fil-preżent allokati għall-ġestjoni tal-programm li għandhom jiġu mibdula jew estiżi

☐ Karigi allokati minn qabel fl-eżerċizzju ta' l-APS/PDB għas-sena n

48 Li l-ispiża tiegħu MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
49 Li l-ispiża tiegħu MHIJIEX koperta mill-ammont ta' referenza.
50 Li l-ispiża tiegħu hija inkluża fi ħdan l-ammont ta' referenza.

☐ Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura ta' l-APS/PDB li jmiss

☐ Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid bl-użu tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' ġestjoni (reallokazzjoni interna)

☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju ta' l-APS/PDB tas-sena kkonċernata

*8.2.4. Infiq ieħor amministrattiv inkluż fl-ammont ta' riferenza (XX 01 04/05 — Infiq fuq il-ġestjoni amministrattiva)*

*EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)*

| Il-linja tal-baġit<br><br>(in-numru u l-intestatura) | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5<br><br>u wara | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1 Għajnuna teknika u amministrattiva (inklużi spejjeż relatati mal-persunal)** | | | | | | | |
| Aġenziji eżekuttivi[51] | | | | | | | |
| Għajnuna teknika u amministrattiva oħra | 0.3 | 0.3 | 0.3 | 0.3 | 0.3 | | 1.5 |
| - *intra muros* | | | | | | | |
| - *extra muros* | | | | | | | |
| **Għajnuna teknika u amministrattiva totali** | 0.3 | 0.3 | 0.3 | 0.3 | 0.3 | | 1.5 |

*8.2.5. L-ispiża finanzjarja tar-riżorzi umani u l-ispejjeż assoċjati mhux inklużi fl-ammont ta' riferenza*

*EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)*

| **It-tip ta' riżorsi umani** | **Sena n** | **Sena n+1** | **Sena n+2** | **Sena n+3** | **Sena n+4** | **Sena n+5<br><br>u wara** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Uffiċjali u persunal temporanju (XX 01 01)** | **1.053** | **1.053** | **1.053** | **1.053** | **1.053** | **1.053** |
| **Persunal iffinanzjati mill-Art XX 01 02 (awżiljarji, SNEs, impjegati kuntrattwali, eċċ.)<br><br>(speċifika l-linja tal-baġit)** | **0.196** | **0.196** | **0.196** | **0.196** | **0.196** | **0.196** |
| L-ispiża totali tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX fl-ammont ta' riferenza) | 1.249 | 1.249 | 1.249 | 1.249 | 1.249 | 1.249 |

51 Għandha ssir riferenza għall-prospett finanzjarju leġiżattiv speċifiku għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

**Kalkolu –** *Uffiċjali u aġenti temporanji*

***Għandha ssir riferenza għall-Punt 8.2.1, jekk jgħodd***
***Uffiċjali u persunal temporanju: 9 uffiċjali *EUR 117 000***
***Persunal iffinanzjat mill-Art XX 01 01:2 2 aġenti kuntrattwali *EUR 63 000 u SNE wieħed *EUR 70 000***

**Kalkolu –** *Persunal iffinanzjat taħt l-Art XX 01 02*

***Għandha ssir riferenza għall-Punt 8.2.1, jekk jgħodd***

*8.2.6. Infiq ieħor amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' riferenza*

*EUR miljuni (sa 3 ċifri deċimali)*

| | Sena n | Sena n+1 | Sena n+2 | Sena n+3 | Sena n+4 | Sena n+5 u wara | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| XX 01 02 11 01 — Missjonijiet | 0.024 | 0.024 | 0.024 | 0.024 | 0.024 | 0.024 | 0.144 |
| XX 01 02 11 02 — Laqgħat u konferenzi | | | | | | | |
| XX 01 02 11 03 — Kumitati[52] | 0.043 | 0.043 | 0.043 | 0.043 | 0.043 | | 0.215 |
| XX 01 02 11 04 — Studji u konsultazzjonijiet | | | | | | | |
| XX 01 02 11 05 — Sistemi ta' informazzjoni | | | | | | | |
| **2 Total ta' nfiq ieħor amministrattiv (XX 01 02 11)** | | | | | | | |
| **3 Infiq ta' natura amministrattiva** (speċifika bl-inklużjoni ta' riferenza għal-linja tal-baġit) | | | | | | | |
| **Total ta' nfiq amministrattiv, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inkluż fl-ammont ta' riferenza)** | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.067 | 0.024 | 0.359 |

Kalkolu — ***Infiq ieħor amministrattiv mhux inkluż fl-ammont ta' riferenza***

Missjonijiet — 30 missjoni fis-sena x EUR 800 fl-UE

Kumitati — 2 laqgħat annwali x parteċipant wieħed x 27 SM x EUR 800

[52] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jappartjeni għalih.